KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
*Città Ferdinand*

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 325**

**It-Tnejn 29 ta' Awwissu 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi, 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi fis-7.00 p.m, b'din l-aġenda:

1. Qari u approvazzjoni tal-minuti tal-aħħar laqgħa;
2. Punti li jirriżultaw mill-minuti tal-aħħar laqgħa;
3. Korrispondenza;
4. Kommunikazzjonijiet mis-Sindku;
5. Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv;
6. Approvazzjoni ta' pagamenti;
7. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju dwar it-tieni kwart tas-sena 2016;
8. Ħwejjeġ oħra; u
9. Aġġornament.

Is-Sindku, l-Avukat Karol Aquilina ippreseda.

**PREŻENTI**

Is-Sindku, l-Avukat Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku, l-Avukat Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier, Il-Perit Julian Borg
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Keith Galea.

**ASSENTI - SKUŻAT**
Il-Kunsillier Clayton Cutajar

**TALBA**

Is-Sindku flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-AĦĦAR LAQGĦA

Is-Sindku ippropona li l-minuti tal-laqgħa numru 325 jkunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2. PUNTI LI JIRRIŻULTAW MILL-MINUTI TAL-AĦĦAR LAQGĦA:

Is-Sindku spjega li s-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid, is-Sur Keith Galea, kien assuma l-kariga b'seħħ minn nhar id-19 ta' Awwissu 2016.

Dwar il-proġett ta' Għar Lapsi, is-Sindku qal li nbdew il-preparamenti meħtieġa biex il-Kunsill ikun jista' jippreżenta l-applikazzjonijiet meħtieġa lill-Awtorità tal-Ippjanar fil-ġimgħat li ġejjin.

## 3. KORRISPONDENZA U KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

Is-Sindku qali li kien irċieva korrispondenza dwar il-lattrini pubbliċi mill-Ministeru tat-Turiżmu fis-sens li l-Gvern jixtieq li dawn jgħaddu lura għandu bil-għan li dawn jiġi privatizzati. Wara diskussjoni fost il-membri tal-Kunsill is-Sindku ppropona li l-Kunsill m'għandux jaċċetta din it-talba tal-Gvern għal dawn ir-raġunijiet:

A. Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ma jaqbilx li l-lattrini pubbliċi għandhom ikunu bi ħlas b'mod partikolari fejn il-lattrina pubblika f'post partikolari (bħal per eżempju l-bajja ta' Għar Lapsi) tkun l-unika waħda li tista' tintuża mill-pubbliku in ġenerali;

B. Il-Kunsill għadu kemm bena lattrina pubblika ġdida fil-bandli l-ġodda tas-Siġġiewi (Nalizpelra Playground) b'investiment ta' madwar €40,000 u jixtieq li din tibqa' tintuża kif inhi mingħajr ebda restrizzjonijiet;

C. Il-Kunsill qiegħed jaħdem biex jibni mill-ġdid il-lattrina pubblika li tinsab f'Għar Lapsi u għalhekk ma jistax jagħmel investiment sostanzjali li mbagħad jispiċċa soġġett għal ħlas biex isir użu minnha mill-pubbliku in ġenerali.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku qal li kien irċieva talba biex isir spazju riservat għal parkeġġ minn Dr Joseph Borg (*Consultant Orthopaedic and Spinal Surgeon*) quddiem ir-residenza tiegħu f'numru 107 fi Triq Santa Margerita, Is-Siġġiewi. Is-Sindku ppropona li din it-talba tiġi aċċettata bħala waħda ġustifikata minħabba n-natura tax-xogħol ta' Dr Borg fl-isptarijiet pubbliċi u l-ħtieġa li huwa jitlaq b'mod urġenti mir-residenza tiegħu biex jassisti professjonalment f'każijiet ta' emerġenza.

Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku qal li kien irċieva korrispondenza mingħand is-Sinj. Shana Galea qegħdha tirrappreżenta lil-lokalità tas-Siġġiewi fil-kompetizzjoni Miss Malta 2016. Is-Sindku stieden lis-Sinj. Galea tagħmel preżentazzjoni lill-membri tal-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill awgurawlha kull suċċess fil-parteċipazzjoni tagħha.

## 4. ĦATRA TA' DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV

Is-Sindku spjega li skont Memo mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, kull Kunsill Lokali għandu jaħtar Deputat Segretarju Eżekutiv. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill jaħtar lis-Sinj. Ritienne Giorgino li hi wkoll impjegata tal-Kunsill Lokali ta' Is-Siġġiewi f'din il-kariga.

Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondat u l-Kunsill approva b'mod unanimu.

## 5. FINANZI – APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma.

Il-Viċi Sindku Alessia Psaila Zammit issekondat u l-Kunsill approva b'mod unanimu.

## 6. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU DWAR IT-TIENI KWART TAS-SENA 2016

Is-Sindku qal li sad-data u l-ħin tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali ma kienx għadu rċieva d-dokument neċċessarju mill-Awdituri tal-Kunsill u għaldaqstant dan ir-rapport ser ikun qed jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

## 7. ĦWEJJEĠ OĦRA:

Il-Kunsillier Julian Borg qal li l-attività Festa Għeneb organizzata nhar il-Ħadd 28 ta' Awwissu 2016 mill-Kunsill Lokali kienet suċċess b'ħafna nies jikkonkorru għal din l-attività annwali. Huwa spjega li minkejja t-temp ħażin li għamel fil-ġranet ta' tħejjija, kollox tlesta fil-ħin li kien ippjanta.

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li kien hemm xi residenti li ssuġġerew li din l-attività tibda ssir is-Sibt filgħaxija minflok il-Ħadd filgħaxija. Is-Sindku qal li meta l-attività saret is-Sibt filgħaxija din ma kienetx suċċess. Huwa spjega li d-data tal-attività ma tistax tinbidel peress li tiġi eżatt fl-istaġun tal-qtugħ tal-għeneb filwaqt li ġimgħa qabel u ġimgħa wara fis-Siġġiewi jsiru l-Festi ta' Ħal Xluq u Tal-Providenza.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li kien hemm xi residenti li lmentaw li waqt l-attività ma kienx hemm l-għana tradizzjonali Malti. Il-Kunsillier Julian Borg spjega li meta fil-passat ipparteċipaw numru ta' għannejja dawn ma kienux intlaqgħu tajjeb mill-pubbliku preżenti u għaldaqstant kien ġie deċiż li l-programm ikun wieħed varjat b'taħlita ta' mużika tradizzjonali Maltija u dik kontemporanja.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li kien irċieva talba biex titwaħħal mera fi Triq il-Knisja l-Qadima. Il-Kunsillier għandu jivverifika l-bżonn tar-resident li għamel din it-talba qabel il-Kunsill jieħu deċiżjoni dwarha.

Il-Kunsillier Dominic Grech semma l-ħtieġa li ssir mera fi triq li tinsab fil-limiti tal-Buskett. Il-Kunsill approva li din it-talba tintlaqa'. Il-Kunsill qabel ukoll li ssir mera f'Wied il-Luq wara lment imressaq mill-Kunsillier Dominic Grech.

Il-Kunsillier Dominic Grech ressaq ilment biex jerġa' jinżebaħ *yellow line* fi Triq l-Imdina, jsir T-sign fis-sqaq magħrufa bħala ta' San Pawl fi Triq il-Parroċċa u jsir *yellow line* fi Triq id-Demnuq minħabba li l-karozzi qed jostakolaw id-dħul ta' *drive-in*. Il-Kunsill approva li jsiru dawn ix-xogħlijiet.

Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace u l-Kunsillier Julian Borg tkellmu dwar il-bżonn ta' sinjali ta' *no entry* u żebgħa fi Triq Lapsi. Il-Kunsillier Julian Borg spjega li peress li ż-żebgħa li kienet diġà saret ma baqgħetx tidher hemm il-ħtieġa li jitqaxxar il-qatran qabel ma jerġgħu jsiru s-sinjali. Il-Kunsill qabel li jsiru dawn ix-xogħlijiet.

Il-Kunsill approva wkoll żewġ proposti tal-Kunsillier Dominic Grech biex isir *patching* fi Triq it-Tabib Nikol Zammit kif ukoll li ssir manutenzjoni fuq bankina fi Triq Ramija. Is-Sindku qal li dawn ix-xogħlijiet ser isiru hekk kif il-Kunsill ikollu l-flus ivvutati għalihom.

Il-Kunsillier Dominic Grech tkellem dwar il-ħtieġa ta' tindif fiż-żona tal-*Housing Estate* ta' Ramija u fi Triq Pawlu Aquilina. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-kuntrattur biex inaddaf dawn iz-zoni.

**8. AĠĠORNAMENT**

Is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-8.30 p.m. u ippropona li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 26 ta' Settembru 2016 fis-7.00 p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Karol Aquilina** | **Is-Sur Keith Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

Ikkonfermati llum it-Tnejn 26 ta' Settembru 2016.